32005D0852

1.12.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 315/27

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/852/PESK

## tad-29 ta' Novembru 2005

## għad-distruzzjoni ta' armi żgħar (SALW) u tal-munizzjon tagħhom fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK tat-12 ta' Lulju 2002 dwar il-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid ta' armi żgħar ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha, flimkien ma' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-imgħoddi l-Ukrajna kellha kumpless industrijali militari kbir, kellha t-tielet l-akbar ħażna ta' armi nukleari fid-dinja, u serviet bħala bażi għar-riżervi strateġiċi ta' l-armamenti u tal-munizzjonijiet ta' l-Unjoni Sovjetika.

(2) Xi stimi jissuġġerixxu li l-Ukrajna għandha daqs 7 miljuni Armi Żgħar (*Small Arms and Light Weapons*, SALW) u 2 miljuni tunnellati metriċi ta' munizzjon, li l-parti l-kbira tagħhom imorru lura sal-Gwerer Dinjija li għaddew. Dawn il-kwantitajiet kbar ta' SALW u munizzjon mhux biss jirrappreżentaw eċċess enormi f'termini tal-livelli attwali tal-forzi armati ta' l-Ukrajna iżda jinkludu wkoll numri kbar ta' munizzjon li ma jistgħux jintużaw u li huma perikolużi.

(3) Il-Pjan ta' Azzjoni UE-Ukrajna ġie adottat mill-Kunsill ta' Koperazzjoni UE-Ukrajna fil-21 ta' Frar 2005 u jsejjaħ liż-żewġ partijiet sabiex flimkien jindirizzaw it-theddid għas-sigurtà, għas-saħħa pubblika u għall-ambjent, li ġejjin mill-ħażniet ta' munizzjonijiet qodma ta' l-Ukrajna, *inter alia*, mini ta' l-art kontra l-bniedem.

(4) L-Aġenzija ta' Manutenzjoni u Fornitura tan-NATO (*NATO Maintenance and Supply Agency*, NAMSA), konformement mat-termini tal-politika tat-*Trust Fund* li tagħmel parti mill-programm Sħubija għall-Paċi (*Partnership for Peace*, PfP) tan-NATO, qiegħda tamministra proġett ta' tnax-il sena mmirat lejn id-distruzzjoni ta' 1,5 miljuni SALW żejda u ta' 133 000 tunnellata metrika ta' munizzjon konvenzjonali li jrid jiġi eżegwit f'erba' fażijiet.

(5) L-Unjoni Ewropea tikkunsidra li kontribuzzjoni finanzjarja għall-ewwel fażi ta' dan il-proġett tgħin lill-Ukrajna tnaqqas ir-riskji relatati ma' l-akkumulazzjoni ta' kwantitajiet kbar ta' SALW u ta' munizzjon u takkomoda l-livell ta' SALW u ta' munizzjon għal-livelli attwali tal-forzi armati tagħha.

(6) Fit-18 ta' Mejju 2005, il-Parlament ta' l-Ukrajna rratifika l-Konvenzjoni dwar il-projbizzjoni ta' l-użu, tal-ħżin, tal-produzzjoni u tat-trasferiment ta' mini kontra l-bniedem u dwar id-distruzzjoni tagħhom (Konvenzjoni ta' Ottawa).

(7) L-Unjoni Ewropea għaldaqstant għandha l-ħsieb li toffri sostenn finanzjarju lill-Ukrajna skond it-Titolu II ta' l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK. Sejra tiġi żgurata viżibbiltà adegwata lil dan l-appoġġ finanzjarju, anke permezz ta' miżuri adatti meħuda min-NAMSA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

1. L-Unjoni Ewropea għandha ssostni d-distruzzjoni ta' armi żgħar (SALW) u tal-munizzjon tagħhom fl-Ukrajna.

2. Għal dan il-għan, l-Unjoni Ewropea għandha tipprovdi sostenn finanzjarju lill-Aġenzija ta' Manutenzjoni u Fornitura tan-NATO (NAMSA) matul l-ewwel fażi tal-proġett tagħha ta' tnax-il sena li jimmira għad-demilitarizzazzjoni ta' 400 000 SALW, 15 000 tunnellata metrika ta' munizzjon konvenzjonali u 1 000 MANPADS (*Man Portable Air Defence System*).

3. Il-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għandha tiffinanzja:

— Ix-xiri u l-istallazzjoni tas-sistema ta' tnaqqis tat-tniġġis għall-inċineratur ta' skart splussiv;

— Id-demilitarizzazzjoni ta' armamenti;

— Ix-xiri ta' żewġ funderiji għat-tidwib ta' armamenti;

— Ix-xiri u l-istallazzjoni ta' lupi kontrollati minn distanza għall-qtugħ ta' munizzjonijiet splussivi;

— Ix-xiri ta' pressa idrawlika;

— Sa 7 % ta' l-ispejjeż diretti tal-proġett.

4. In-NAMSA għandha tipprovdi għall-fornitura, għall-istallazzjoni u għall-attivazzjoni tat-tagħmir għad-demilitarizzazzjoni u tagħmir ieħor li jkunu meħtieġa minn entitajiet kummerċjali jew governattivi bbażati f'pajjiżi tan-NATO jew li jkunu ta' pajjiżi li jikkwalifikaw taħt il-politika tat-*Trust Fund* li tagħmel parti mill-programm Sħubija għall-Paċi (*Partnership for Peace*, PfP), addizzjonalment għal entitajiet simili mill-Istati Membri ta' l-UE u mill-Ukrajna. Fejn ikun il-każ, il-kuntratti tal-fornitura ta' tagħmir għandhom jinkludu provvediment sabiex jingħata taħriġ lill-operaturi Ukrajni tat-tagħmir, fl-Ukrajna jew fil-pajjiż minn fejn jiġi akkwistat it-tagħmir.

---

([1]) ĠU L 191, 19.7.2002, p. 1.

*Artikolu 2*

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implementazzjoni ta' l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) għandu jkun ta' EUR 1 000 000, li għandu jiġi ffinanzjat mill-*budget* ġenerali ta' Unjoni Ewropea ta' l-2006.

2. Għall-fini ta' l-implementazzjoni ta' l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(3), il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament man-NAMSA dwar il-kondizzjonijiet għall-użu tal-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, li għandha tkun f'għamla ta' għotja. Il-ftehim speċifiku ta' finanzjament li għandu jiġi konkluż għandu jistipula li n-NAMSA għandha tiżgura viżibbiltà għall-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod adegwat għad-daqs tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implementazzjoni korretta tal-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-UE msemmija f'dan l-Artikolu. Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tiġi fdata bil-kompitu li tikkontrolla u tivvaluta l-aspetti finanzjarji ta' l-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni kif dispost f'dan l-Artikolu.

4. L-amministrazzjoni tan-nefqa ffinanzjata mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea speċifikata fil-paragrafu 1 għandha tkun suġġetta għall-proċeduri u r-regoli tal-Komunità li japplikaw għall-materji tal-*budget*, bl-eċċezzjoni li kwalunkwe prefinanzjament ma għandux jibqa' l-proprjetà tal-Komunità.

*Artikolu 3*

Il-Presidenza, megħjuna mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-PESK, għandha tkun responsabbli għall-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implementazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata bis-sħiħ f'dawn il-kompiti u b'mod partikolari hija sejra tipprovdi informazzjoni dwar l-implementazzjoni ta' l-aspetti finanzjarji. Dan sejjer ikun ibbażat fuq rapporti regolari li għandhom jiġu provduti min-NAMSA skond it-termini tar-relazzjoni kontrattwali tagħha mal-Kummissjoni, kif stipulat fl-Artikolu 2(2).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha. Hija għandha tiskadi tnax-il xahar wara li jkun ġie konkluż il-ftehim ta' finanzjament bejn il-Kummissjoni u n-NAMSA.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar id-29 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. JOHNSON